**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**

**Vs**

**Jesmond Bugeja**

**Illum 19 ta' Novembru 2001.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jesmond Bugeja ta' 29 sena, bin Francis u Teresa nee' Muscat imwieled Pieta' fit-8 ta' Awissu 1970 u joqghod Flat 7B, San Anton Court, Triq il-Papa Gwanni XXII, B'Kara, li ghandu karta tal-identita' numru 376470M;

Talli fit-2 ta' Awissu 1999 ghall-habta tal-5.30 ta' filghaxija fil-Hamrun:

Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vetturi tal-Pulizija liema hsara ma' tiskorriex il-hames mitt lira maltin (Lm500) imma hija izjed minn hamsin lira maltin (Lm50) ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

Bil-hsieb li jattakka jew li jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li titqies vjolenza Pubblika kontra diversi persuni inkarigati skond

il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAC395 b'manjiera negligenti, perikoluza u traskurata kif ukoll bi speed accessiv;

B'imprudenza, b'negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti habat ma' vetturi tal-Pulizija GVP026 u GVP234;

Saq vettura BAC395 minghajr ma' kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Saq l-imsemmija vettura kontra s-sinjali tat-traffiku ndikati f'dik il-lokalita' u b'hekk sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) dattata 16 ta' Gunju 1999.

Wara li rat l-Artikoli 325, 96 tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikoli 15 (1)(a)(2), 18 (2), 338 (bb) tal-Kapitolu 65;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Jesmond Bugeja hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, qeghda tillibera lill-imputat, bil-kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar (18) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' mitejn u hamsin lira maltin (Lm250) multa b'sena zmien ghall-hlas, u dan wara li l-Qorti informat ruhha illi l-imputat qieghed jghix hajja regolari u fil-ligi.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.